MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 2336/1998/1

**Beauform Limited**

**vs**

**PWB Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-spocjeta' attrici tippremetti:

Illi b'skrittura privata datata 12 ta' April 1994 is-socjeta attrici bieghet u trasferiet lis-socjeta' konvenuta il-permess li bih tista tigi gestita l-ispizerija bl-isem Mgarr Pharmacy 40 Fisher Street Mgarr u dan flimkien mat-twellija tal-istess spizerija (Dok A).

Illi waqt li kienet qed tiggestixxi l-imsemmija Spizerija is-socjeta konvenuta agixxiet b'mod illegali abbuziv u irresponsabbli.

Illi b'konsegwenza ta' kif kienet qed tigi gestita l-imsemmija spizerija l-awtoritajiet koncernati irrevokaw jew/u rtiraw il-permess relattiv tal-istess spizerija.

Illi konsegwenza ta' dan is-socjeta attrici sofriet danni.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni hekk kagunati.

Ghalhekk is-socjeta' attrici tablet li s-socjeta' konvenuta tghid ghaliex dina l-Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara illi konsegwenza tal-mod kif is-socjeta konvenuta ggestiet l-ispizerija Mgarr Pharmacy wassal sabiex l-awtoritajiet koncernati jirrevokaw jew/u jirtiraw il-permess relattiv u b'hekk is-socjeta' attrici sofriet danni.

2. Tillikwida d-danni kkagunati lis-socjeta attrici.

3. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn gie eccepit:

1. Illi, in linea preliminari, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante illi kienet l-istess socjeta' attrici li naqset mill-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha u cioe li ddawwar il-permess tal-ispizerija ghal fuq isem il-konvenut u dana skond l-iskrittura privata datata 12 ta' April 1994

liema ommissjoni wasslet ghar-revoka tal-istess permess tal-ispizerija.

2. Illi, subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti tirrespingi l-allegazzjonijiet li hi mexxiet jew iggestit l-ispizerija b'mod abbuziv jew irresponsabbli bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u ssostni li, ghall-kuntrarju, kienet is-socjeta' attrici li agixxiet illegalment u b'mod irresponsabbli u li dan l-agir wasal ghar-revoka tal-permess relattiv.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat l-affidavit ta' Mary Vella prodott mis-socjeta' attrici.

Semghet lix-xhieda prodotti mis-socjeta' attrici.

Rat l-affidavit ta' Pierre William Buontempo prodott mis-socjeta' konvenuta.

Rat l-affidavit ta' Anthony Vella prodott mis-socjeta' attrici.

Semghet lix-xhud Anthony Vella in kontro-ezami.

Semghet lix-xhud Pierre Buontempo in kontro-ezami.

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta attrici.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li din il-kawza giet trattata kontestwalment ma kawza ohra fl-ismijiet "PWB Limited vs Anthony Vella et" (citazzjoni numru 1555/98 GC) u l-provi kollha li saru f'din il-kawza ghandhom japplikaw ghall-imsemmija kawza l-ohra u vice-versa.

Rat l-atti kollha tal-imsemmija kawza l-ohra (citazzjoni numru 1555/98 GC).

Rat li din il-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

Is-socjeta' attrici tippremetti li permezz ta' skrittura bid-data tat-12 ta' April 1994 bieghet u ttrasferiet lis-socjeta' konvenuta il-permess sabiex l-istess socjeta' konvenuta tkun tista ggestixxi l-ispizerija Mgarr Pharmacy numru 40 Fisher Street Imgarr. Permezz tal-istess skrittura s-socjeta' attrici ukoll ittrasfeiet lis-socjeta' konvenuta t-twillija tal-istess spizerija. Is-socjeta' attrici tallega li fil-kors tal-gestjoni tal-ispizerija minn naha tas-socjeta' konvenuta, l-istess socjeta' konvenuta agixxiet b'mod illegali, abbuziv u irresponsabbli u, bhala konsegwenza, l-awtoritajiet kompetenti rrevokaw u rtiraw il-permess relattiv tal-istess spizerija. Minhabba f'hekk is-socjeta' attrici tipppretendi li sofriet danni.

A bazi ta' dawn il-premessi s-socjeta' attrici qed titlob li jigi dikjarat illi l-mod kif is-socjeta konvenuta gestiet l-ispizerija in kwestjoni wassal ghar-revoka tal-permess relattiv u kwindi s-socjeta' attrici sofriet danni. Talbet ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas id-danni hekk likwidati.

Da parti taghha s-socjeta' konvenuta qed teccepixxi, in linea preliminari, li kienet is-socjeta' attrici li naqset mill-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha u subordinatament l-allegazzjonijiet tas-socjeta' attrici li s-socjeta' konvenuta gestit l-ispizerija b'mod abbuziv jew irresponsabbli qed jigu respinti u, ghall-kuntrarju, kienet is-socjeta' attrici li agixxiet illegalment u b'mod irresponsabbli u kien dan l-agir tas-socjeta' attrici li wassal ghar-revoka tal-permess relattiv.

Jirrizulta illi permezz ta' skrittura tat-12 ta' April 1994 is-socjeta' attrici bieghat u ttrasfeiet lis-socjeta' konvenuta "il-permess" sabiex tigi gestita "l-ispizerija, flimkien mat-twellija, bl-isem Imgarr Pharmacy numru 40 Fisher Street

Mgarr" u dana bil-prezz u taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kif kontenuti fl-istess skrittura, fosthom li "l-kera tal-fond numru 40 Fisher Street Mgarr tigi mdawwra" fuq is-socjeta konvenuta "u illi l-permess tal-istess spizerija jigi evidentement imdawwar fuq isem is-socjeta' konvenuta." Il-partijiet ftehmu ukoll li jekk is-socjeta' konvenuta tkun morusa fil-hlas ta' zewg pagamenti konsekuttivi u mensili dovuti skond l-istess skrittura jew tkun morusa f'somma ekwivalenti ghal zewg skadenzi allura s-socjeta' konvenuta titlef il-beneficcju tat-terminu kif koncess bl-istess ftehim u kwindi s-somma kollha bilancjali trid tigi mhallsa f'daqqa.

Jirrizulta ghalhekk li s-socjeta konvenuta akkwistat minghand is-socjeta' attrici l-permess li bih l-ispizerija in kwestjoni setghet tigi gestita, kif ukoll akkwistat it-twellija tal-istess spizerija u dana versu l-prezz u bil-pattijiet u kondizzjonijiet kif kontenuti fl-imsemmi ftehim tat-12 ta' April 1994. Inoltre bl-imsemmi ftehim is-socjeta' attrici obbligat ruhha li ddawwar il-kirja tal-fond in kwistjoni ghal fuq isem is-socjeta' konvenuta kif ukoll li ddawwar il-permess tal-gestjoni tal-ispizerija fuq isem l-istess socjeta' konvenuta. Jirrizulta li almenu sal-gurnata meta gew presentati dawn il-proceduri, s-socjeta' attrici kienet naqset milli ddawwar il-kirja u l-imsemmi permess ghal fuq isem is-socjeta' konvenuta. In effett is-socjeta' konvenuta tippretendi li minhabba dan il-fatt, cioe' minhabba li l-kirja u l-permess ma ddawrux ghal fuq isimha, hi sofriet danni u pemezz tac-citazzjoni numru 1555/98 GC, li giet trattata flimkien mal-presenti proceduri, is-socjeta konvenuta qed titlob li jigu likwidati dawn id-danni kif minnha allegati u li konsegwentement is-socjeta' attrici tigi kundannata thallas dawn id-danni kif likwidati.

Fl-ewwel lok jigi rilevat li fl-imsemi ftehim tat-12 ta' April 1994 il-partijiet ma stipulawx zmien li fih il-kera u l-permess in kwestjoni kellhom jiddawwru fuq isem is-socjeta' konvenuta. L-artikolu 1077 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li meta ma jkunx gie stabbilit żmien ghall-eżekuzzjoni ta'obbligazzjoni, l-istess obbligazzjoni ghandha tigi esegwita minnufih. In-natura u l-mod kif kellha tigi esegwita l-obbligazzjoni in kwestjoni

jimplikaw li din l-obbligazzjoni kellha tigi relatata ma xi terminu li fih kella tigi esegwita l-istess obbligazzjoni. Konsegwentement skond l-imsemmija provedimenti tal-atikolu 1077, l-obbligazzjoni in kwestjoni, cioe' t-trasferiment tal-licenzja u tal-permess, kellha tigi esegwita immedjatament. Il-ftehim kien datat April 1994, filwaqt li jirrizulta li l-ahhar li nharget il-licenza ghar-rigward tal-ispizerija in kwestjoni kien fl-1 ta' Jannar 1996. L-istess licenza giet irtirata mill-awtoritajiet kompetenti b'effett mill-1997. Kif gia gie rilevat ma jirrizultax li l-permessi u l-licenza in kwestjoni gew trasferiti ghal fuq isem is-socjeta' konvenuta almenu sa qabel li nbdew dawn il-proceduri u cioe' fil-11 ta' Novembru 1998. Ghalhekk jirrizulta li għadda hafna żmien mid-data tal-imsemmi ftehim sal-presentata ta' dawn il-proceduri u fil-frattemp la ddawwret il-kirja u lanqas il-permessi ghal fuq isem is-sopcjeta' konvenuta. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-permressi u l-kirja in kwestjoni ddawwru minnufih wara li gie ffirmat il-ftehim. Inoltre jirrizulta li s-socjeta' attrici naqset ukoll li tapplika sabiex isir it-trasferiment tal-liċenzja għal fuq is-soċjetà konvenuta.

Anthony Vella, direttur tas-socjeta' attrici, meta xehed f'dawn il-proceduri (fol.109) ikkonferma li il-ftehim kien jistipula li l-liċenzji kellhom iduru fuq isem is-socjeta' konvenuta u kien ukoll jistipula l-mod kif kellu jsir il-hlas relattiv minn naha tas-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici. L-istess xhud jgharaf, pero', li dawn ma kienux marbutin ma' xulxin u jghid li, fic-cirkustanzi prevalenti, huwa hass li l-unika ħaġa li seta jagħmel kienet li l-permessi ma jiddawwrux fuq isem is-socjeta' konvenuta sakhemm ma jsirx il-hlas ta dak kollu li kien dovut mis-socjeta' konvenuta. Dan kollu, in vista ta' dak li kien gie miftiehem, jammonta ghall-agir irregolari u abusiv minn naha tas-socjeta' attrici, in partikolari, meta l-istess socjeta' attrici naqset li tittraserixxi immedjatament wara l-firma tal-ftehim in kwestjoni l-kirja u l-permessi kollha tal-ispizerija in kwestjoni. B'hekk jirriżulta li kien hemm, da parti tas-socjeta' attrici, ksur tal-obbligu taghha peress li naqset milli titrasferixxi il-kirja u l-liċenzja għal fuq isem is-soċjetà konvenuta.

Inoltre jista jigi rilevat ukoll li jirrizulta li s-soċjetà konvenuta ghall-bidu kienet tħallas regolarment skond il-ftehim, pero' wara ftit iċ-ċekkijiet li harget is-socjketa' konvenuta ma kinux qed jissarrfu. L-imsemmi xhud Anthony Vella qal (fol.79) li l-licenza ma setghetx tiddawwar ghal fuq isem is-socjeta' konvenuta peress li s-socjeta' konvenuta kienet naqset mill-ewwel li thallas l-ammonti dovuti minnha skond il-ftrhim.

Direttur tas-socjeta' konveunta qal fl-affidavit tieghu (fol.63) li s-socjeta konvenuta ma komplitx thallas peress li s-socjeta' attrici kienet naqset li toqod ghall-obbligi taghha skond il-ftehim. Qal ukoll li s-socjeta attrici kienet infurmathom li, semmai, t-trasferiment tal-licenza jsir wara li jkunu tħallsu il-pagamenti kollha. Kif gia gie rilevat dan l-agir da parti tas-socjeta' attrici ma kienx agir regolari u ma kienx agir skond il-ftehim li kien hemm bejn il-partijiet. Il-ftehim kien jirrikjedi li l-permessi jiddawwru immedjatament wara li gie iffirmat il-ftehim u mhux kif ippretendiet is-spocjeta' attrici li dawn jiddawwru meta s-socjeta' konvenuta tkun hallset dak kollu li kien dovut minnha.

Barra minn hekk jirrizulta ukoll li kienu nbdew da parti tas-socjeta' attrici proceduri kriminali ghar-rigward tal-fatt li xi cekkijiet mahruga mis-socjeta' konvenuta ma kienux issarfu pero', f'dan ir-rigward, gie ukoll konfermat mill-istess direttur tas-socjeta' attrici li effettivament is-socjeta' konvenuta hallset l-ammonti kollha minnha dovuti skond il-ftehim. Jirrizulta ukoll li s-socjeta' attrici kienet giet infurmata mill-awtoritajiet kompetenti li l-ispiżerija in kwestjoni kienet qed tinżamm magħluqa. Minhabba f'hekk, sussegwentement, l-istess awtoritajiet kompetenti rtiraw, b'effett minn Jannar 1997, il-licenza tal-ispizerija in kwestjoni. Jista jkun li l-licenza giet irtirata minhabba ragunijiet ohra pero' jirrizulta li r-raguni pricipali kienet li l-ispizerija kienet qed tinzamm maghluqa.

Il-licenza ma ddawwritx fuq isem is-socjeta' konvenuta pricipalment minhabba l-agir tas-socjeta' attrici, li fuqha kien jinkombi dan l-obbligu. B'hekk il-licenza baqghet fuq isem is-socjeta' attrici, li ghalhekk baqghet resposabbli

versu l-awtoritajiet kompetenti ghal dak kollu li kewllu x'jaqsam mal-ispizeija. Is-socjeta' attrici baqghet it-titolari tal-istess licenza u permessi. Isegwi li s-socjeta' konvenuta ma tistax tigi ritenuta responsabbli għal dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-liċenza tal-ispizerija u wisq inqas ma tistax tigi ritenuta resposabbli ghall-fatt li l-licenza giet revokata l-licenza. Di fatti jirrizulta li l-korrispondenza kollha li pprecediet ir-revoka tal-licenza ghaddiet bejn l-awtoritajiet kompetenti u s-socjeta' attrici. Jidher ghalhekk li s-socjeta' konvenuta ma kienitx konsapevoli tal-fatt li l-awtoritajiet kompetenti kienu qed jimminaccaw li l-permessi u licenza kienu ser jigu revokati peress li l-ispizerija kienet qed tinzamm maghluqa. Inoltre s-socjeta' attrici, bhala l-licencee holder, kienet responsabbli ukoll biex tara li l-kondizzjonijiet kollha tal-licenza jigu mharsa bil-ghan li l-istess licenza tiggedded.

Fil-kors tal-gbir tal-provi saret referenza ghal fatt li d-“dangeous drugs book” ma kienx qed jinzamm kif supost. Jidher pero' li primarjament ir-resposabilita' ghal dan il-ktieb hi tal-ispizjar u mhux ta' minn kien qed igestixxi l-ispizerija. In effett kient ukoll ir-responsabilita' tas-socjeta' attrici, bhala titulari tal-licenza li tassigura li l-imsemmi ktieb jinzamm kif suppost u dan in vista tal-fatt li t-titulari tal-licenza ghandu l-obbligu li jara li l-kondizzjonijiet kollha tal-licenza qed jigu osservati. La darba s-socjeta' attrici ghazlet li thalli l-licenza fuq isimha ghazlet ukoll li tkun responsabbli ghall-osservanza tal-kondizzjonijiet tal-licenza.

Fid-dawl ta' kollu li gie premess l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu akkolti filwaqt li t-talbiet attrici jimmeritaw li jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u billi fit-tieni lok tichad it-talbiet attrici.

Spejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------